# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru: 8**

**Citazzjoni Numru: 2718/97 JRM**

**Tessie mart Anthony Cardona; Giovanna mart Julian Xuereb; Helen mart Joseph Gatt; Mary mart Lawrence Debono f'isimha proprju u bħala l-prokuratriċi ta' l-assenti oħtha Lily armla ta' Joseph Attard u ta' ħuha Salvatore Mamo; Joseph Mamo; u Carmelo Mamo, ilkoll bħala eredi tal-mejjet ħuhom Spiridione Mamo**

**v.**

**C.V. Builders Limited u Korporazzjoni Enemalta llum Enemalta plc**

Il-Qorti:

Rat is-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2012 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment;

> "**Il-Qorti:**
>
> "Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-27 ta' Novembru, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi, fil-kwalita' tagħhom ta' ħut

Spiridione Mamo, talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għad-danni mġarrbin minnhom minħabba inċident li seħħ fit-28 ta' Settembru, 1995, fi Triq il-Punent, Valletta, meta l-imsemmi ħuhom Spiridione Mamo miet b'xokk elettriku waqt li kien qiegħed jaħdem; (b) tillikwida d-danni kollha mġarrbin minnhom minħabba l-imsemmi inċident bi ħtija tal-istess imħarrkin, jekk meħtieġ billi tqabbad periti biex jaslu għal-likwidazzjoni; u (ċ) tikkundanna lill-istess imħarrkin, jew lil min minnhom, iħallsuhom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż;

"Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-3 ta' Awissu, 1998, li biha l-Korporazzjoni mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li hija ma kellha l-ebda sehem f'dak li ġralu ħu l-atturi u li m'għandhiex twieġeb għall-ħtija tal-inċident;

"Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fid-29 ta' Lulju, 1999, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li hija ma taħtix għal dak li ġara lil Mamo għaliex l-inċident ma seħħx minħabba xi nuqqasijiet jew minħabba t-traskuraġni tagħha;

"Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-8 ta' Ottubru, 1999[1], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet;

"Rat ix-xhieda mismugħa mill-imsemmija Assistent Ġudizzjarju u kif ukoll il-provi dokumentali mressqin quddiemha mill-partijiet fil-kawża;

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi waqt is-smigħ tal-21 ta' Ġunju, 2005[2];

"Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-Korporazzjoni mħarrka fit-22 ta' Awissu, 2005[3], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-13 ta' Ottubru, 2005[4], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

"Rat l-atti kollha tal-kawża;

"Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

"***Ikkunsidrat:***

---

[1] Paġ. 21 tal-proċess
[2] Paġġ. 225 sa 230 tal-proċess
[3] Paġġ. 232 sa 241 tal-proċess
[4] Paġġ. 243 sa 266 tal-proċess

"Illi din hija azzjoni ta' danni wara inċident fuq il-post tax-xogħol li fih il-ħaddiem (aktar 'il quddiem imsejjaħ "Mamo") tilef ħajtu. L-atturi jiġu ħut Mamo. Għall-atturi, l-ħtija tal-mewt ta' ħuhom taqa' fuq l-imħarrkin u huma, bħala werrieta tiegħu, jippretendu l-ħlas ta' kumpens. Billi l-imħarrkin baqgħu jisħqu li ma kenux jaħtu għall-mewt ta' Mamo u naqsu li jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni xierqa li l-atturi jippretendu li jistħoqqilhom jirċievu, minkejja li mitluba jagħmlu dan b'ittra uffiċjali, l-atturi fetħu din il-kawża;

"Illi, għal din l-azzjoni ż-żewġ imħarrkin laqgħu billi qalu li huma ma kellhom l-ebda ħtija f'dak li ġarrab Mamo u għalhekk ċaħdu li huma b'xi mod iridu jagħmlu tajjeb għad-danni pretiżi mill-atturi;

"Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li Sammut twieled fl-1950. Għalkemm kien iżżewweġ lil Elaine imwielda Bland f'Jannar tal-1983, iż-żwieġ kien inħall b'sentenza tal-Qorti ta' Sheffield (fir-Renju Unit) f'Lulju tal-1990 li saret *decree absolute* b'seħħ mit-30 ta' Awissu ta' dik l-istess sena[5]. Miż-żwieġ tagħhom ma jidhirx li twieldu xi tfal[6]. Mamo miet intestat[7];

"Illi huwa daħal jaħdem mal-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "CVB") lejn nofs Settembru tal-1995, madwar għaxart (10) ijiem qabel ma seħħ l-inċident li wassal għall-mewt tiegħu[8]. Huwa kien iddaħħal jaħdem bħala *foreman*, iżda kien iwettaq xogħol marbut mal-bini u mhux jissorvelja n-nies ta' taħtu biss[9]. CVB kienet inqdiet bis-servizzi ta' Mamo f'xi żminijiet oħra qabel, fl-istess qasam tal-kostruzzjoni, għalkemm mhux bħala impjegat tagħha, iżda bħala ħaddiem għal rasu[10];

"Illi l-inċident seħħ fit-28 ta' Settembru, 1995, għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofsinhar f'post li jinsab fi Triq il-Punent, Valletta, li kien jagħmel minn bini ieħor li kien qiegħed jitwaqqa' biex minfloku jittella' bini ġdid li kellu jintuża bħala uffiċini[11]. L-appalt tat-twaqqigħ ingħata f'Lulju tal-1994 mill-Gvern[12], wara sejħa għall-offerti magħmula fi Frar ta' dik l-istess sena, lil kumpannija li, min-naħa tagħha, tat dak ix-xogħol b'sub-appalt lil CVB[13]. Dak il-ħin li ġara l-inċident, Mamo kien qed jaħdem ma' wieħed Anthony Bartolo u magħhom kien hemm ukoll wieħed Joseph Micallef, li kien jagħmilha ta' xufier tat-trakk u, fl-istess waqt, jissorvelja l-mod kif kien qed isir ix-xogħol. Kemm Bartolo u kif ukoll Micallef kienu impjegati ta' CVB. L-

[5] Dok "TC", f'paġ. 209 tal-proċess
[6] Xhieda ta' l-atturi Carmel Mamo u Helen Gatt 23.3.2004 u 16.9.2004, f'paġġ. 197 u 214 tal-proċess
[7] Dokti "CVBL2" u "CVBL3", f'paġġ. 207 – 8 tal-proċess
[8] Dok "EF2", f'paġġ. 39 - 40 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Etienne Farruġia 18.11.1999, f'paġ. 26 tal-proċess
[10] *Ibid.*
[11] Xhieda tal-A.I.Ċ. Charles Cassar 13.6.2000, f'paġ. 67 tal-proċess
[12] Dok "CC", f'paġġ. 59 – 60 tal-proċess
[13] Dok "CC1", f'paġ. 60A tal-proċess

inċident ġara meta Mamo ħa xokk elettriku waqt li kien qed jarma xi "*shuttering*" għat-tqegħid ta' soqfa, u wara li kien intemm il-proċess tat-twaqqigħ tal-post[14];

"Illi dak il-ħin li seħħ l-inċident, Mamo u Bartolo kienu qegħdin jingaljaw xibka tal-ħadid biex jingħata s-saqaf u Mamo kien qed iqatta' trinka f'ħajt b'*chaser* li jaħdem bl-elettriku. Għalkemm il-post ma kellux provvista ta' elettriku, il-ħaddiema kienu qegħdin jinqdew bi provvista meħuda minn post fil-qrib. L-inċident ġara meta Mamo mar biex ineħħi xi njam li kien f'rokna ta' kamra u qribu kien hemm *cable* imdendel, li malli Mamo missu, tah xokk li ħallih mejjet fuq il-post[15]. Dan kien konfermat ukoll mir-riżultati tal-awtopsja li saret fuq ordni tal-Maġistrat Inkwirenti[16]. Jidher li Mamo ħafen il-*cable* b'idu l-leminija[17];

"Illi f'Ottubru tal-1997[18], il-Maġistrat Inkwirenti ħarġet il-Proċess verbal tal-inċident wara li qieset il-kostatazzjonijiet magħmula mill-għadd ta' esperti minnha maħturin minnufih wara li seħħ l-inċident;

"Illi l-atturi fetħu din il-kawża f'Novembru tal-1997;

"Illi l-<u>konsiderazzjonijiet legali</u> marbutin mal-każ li l-Qorti għandha quddiemha jitolbu li jsir stħarriġ dwar min kien ħtija tal-inċident li fih miet Mamo. Dan jingħad għaliex l-atturi jqisu li ż-żewġ kumpanniji mħarrka jaħtu, b'xi mod jew ieħor, għall-mewt ta' ħuhom; filwaqt li l-imħarrkin jiċħdu kull responsabbilta' għal dak li ġara u, fil-każ ta' CVB, din tqajjem il-kwestjoni li l-ħtija kollha kienet taqa' fuq Mamo nnifsu;

"Illi biex il-Qorti tqis kif jixraq il-kwestjoni tar-**responsabbilta' għal dak li wassal għall-inċident u għall-mewt ta' Mamo**, għandu jingħad li l-aqwa provi joħorġu minn xiehda li kienu fuq il-post x'ħin seħħ l-inċident u dawk li tqabbdu ftit tal-ħin wara biex jarax tassew x'sata' ġara;

"Illi l-atturi jgħidu li kemm Enamalta u kemm CVB jaħtu għal dak li ġara, għalkemm jibqgħu ma jfissrux għaliex jemmnu hekk u sa liema grad. X'aktarx iħallu f'idejn il-Qorti biex tasal hi biex issib il-ħtija fit-tnejn. Il-Qorti jidhrilha li dan m'huwiex sewwa għaliex il-piż tal-prova tax-xilja tal-ħtija trid issir minn min jagħmilha, u dan jgħodd ukoll (jekk mhux aktar) fejn l-azzjoni attriċi tkun tressqet kontra aktar minn parti waħda;

---

14 Xhieda ta' Anthony Bartolo 10.4.2000, f'paġ 53 tal-proċess
15 *Ibid*, f'paġġ. 54 – 5 tal-proċess
16 Dok "BE", f'paġġ. 86 – 8 tal-proċess
17 Xhieda ta' Dr Bridget Ellul 2.11.2000, f'paġ. 89 tal-proċess
18 Dok "SE" f'paġġ. 139 sa 146 tal-proċess

"Illi l-Qorti jidhrilha li għandha l-ewwel tqis il-kwestjoni tar-responsabbilta' bejn iż-żewġ kumpanniji mħarrkin. Hija jidhrilha li, mill-provi li tressqu quddiemha, il-gradi ta' responsabbilta' bejniethom m'hijiex l-istess u s-sehem tagħhom fil-ġrajja kollha m'għandhiex titqiegħed fl-istess keffa. Dan jingħad għal aktar minn raġuni waħda;

"Illi huwa minnu li Mamo miet b'effett dirett tal-fatt li ħa xokk wara li qabad f'idu l-leminija *cable* taċ-ċomb li nzerta kien għaddej l-elettiku minnu. Mamo kien impjegat ta' CVB u kien ilu biss ftit ġimgħat fl-impieg, u madwar ftit anqas minn hekk jaħdem fil-post fejn seħħet it-traġedja. L-atturi jorbtu lil Enemalta mar-responsabbilta' minħabba li ħuhom miet b'xokk elettriku minn provvista li Enemalta kienet tagħti lill-post fejn ġara l-każ;

"Illi mill-fatti fl-atti tal-kawża joħroġ li, xi ġimgħa qabel ma ġara l-każ, kien sar rapport lill-fergħa ta' Enemalta tal-inħawi minħabba li mill-*cable* kien ħareġ xi xrar waqt li xiħadd kien qed jipprova jqaxxar minnu ċ-ċomb li kien jagħmel mill-qoxra tiegħu ta' barra. Il-korporazzjoni kienet bagħtet bniedem biex jara x'hemm u dan sab li s-*service box* kienet inħarqet għaliex ġiet imbagħbsa u hu raġa' għalaqha mill-ġdid u għarraf lil min kien hemm li mill-*cable* kien għaddej l-elettriku[19]. Lil Enemalta sa dak inhar (u saħansitra sa dak inhar li miet Mamo) ma kien talabha ħadd biex taqta' l-provvista tal-elettriku għal ġol-post. It-talba saret l-ewwel darba kważi xahar wara li miet Mamo[20] u l-provvista għal ġol-imsemmija *service box* inqatgħet fit-30 ta' Ottubru ta' dik is-sena[21]. Ħareġ ukoll li min kien mar jagħti s-servizz f'isem l-Enemalta kien għarraf bis-sitwazzjoni wkoll lill-perit maħtur biex jissorvelja x-xogħlijiet u lil xi impjegati ta' CVB li kienu fil-post[22]. Ħareġ ukoll mill-provi li, xi jumejn qabel l-inċident, kuntistabbli tal-Pulizija li kien għassa fl-inħawi kien ġibed l-attenzjoni tal-impjegati ta' CVB li mill-*cable* kienu ħerġin ix-xrar u li dan ġara wara li xiħadd kien bagħbas mal-istess *cable* u ipprova jqatta' ċ-ċomb tal-kisja minnu. L-ebda impjegat ta' Enemalta ma ntwera li għamel xi ħaġa li biha l-*cable* inġab aktar perikoluż milli kien qabel ma ssejħet fuq il-post il-korporazzjoni. Għall-kunrarju, intwera li kienet ir-responsabbilta' tal-kuntrattur imqabbad biex jagħmel ix-xogħlijiet li jitlob lill-korporazzjoni taqta' l-provvista, u dan aktar u aktar minħabba n-natura partikolari tal-provvista f'dawk l-inħawi li kienet tittella' minn *cables* ħerġin minn taħt l-art;

"Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tqis li għandha toqgħod għal kollox fuq is-sottomissjonijiet imressqa minn Enemalta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet

---

[19] Xhieda ta' Joseph Borġ 20.1.2004 f'paġ. 180 tal-proċess
[20] Xhieda ta' Saviour Farruġia 5.6.2003, f'paġ. 153 tal-proċess (ara wkoll Dok "SF", f'paġġ. 160 – 1 tal-proċess)
[21] Xhieda ta' Saviour Farruġia 22.9.2000, f'paġ. 82 tal-proċess
[22] Xhieda ta' Robbie Cortis 21.3.2003 f'paġ. 127 tal-proċess

tagħha[23] u ssib li l-korporazzjoni mħarrka ma ntweriet li għamlet xejn b'mod traskurat jew li naqset minn xi dmir tagħha taħt il-liġi u r-regolamenti li bihom hija tista' titqies ħatja ta' dak li ġralu Mamo;

"Illi fid-dawl ta' dan, il-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni tal-istess Enemalta u tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tagħha;

"Illi, kif ingħad qabel, intwera mill-provi li Mamo miet meta qabad il-*cable* b'idu. Dan l-għamil rah ukoll l-impjegat l-ieħor ta' CVB li kien qribu dak il-ħin huma u jarmaw ix-*shuttering* biex jitqiegħed is-saqaf tal-konkos[24]. Mir-riżultanzi tal-awtopsja, ħareġ li Mamo kellu ħarqa fil-pala ta' idu l-leminija u li l-mewt seħħet malajr u b'effett ta' hekk[25]. Dan juri wkoll li meta Mamo ħafen il-*cable* ma kienx liebes ingwanti jew ilqugħ ieħor li jżomm milli jkollu kuntatt dirett mal-*cable*. Bl-istess mod, ħareġ li Mamo kien liebes papoċċ tal-lastiku f'saqajh[26]. Ħareġ ukoll li, dak inhar li seħħ l-inċident, l-art li fuqha kien miexi Mamo kienet niedja u kellha rqajja' ta' ilma mix-xita li kienet niżlet tul il-lejl ta' qabel[27]. Għall-Qorti dawn it-tliet ċirkostanzi, flimkien mal-fatt li Mamo kien impjegat ta' CVB, huma ta' siwi kbir fid-determinazzjoni tal-kwestjoni tar-responsabbilta' għal dak li seħħ dak inhar tal-inċident;

"Illi dwar dan l-aspett tal-kwestjoni dwar ir-responsabbilta', jingħad bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam tal-korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu[28], is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh;

"Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "*a safe system of work*") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li

[23] Ara §§ 14, 15, 22 u 30 f'paġġ. 235, 237 u 238 tal-proċess
[24] Xhieda ta' Anthony Bartolo flinkjesta Maġisterjali f'paġ. 141 tal-proċess
[25] Xhieda ta' Dr Bridgette Ellul 2.11.2000, f'paġ. 89 tal-proċess
[26] Xhieda tal-A.I.Ċ. Richard Aquilina 17.5.2001, f'paġ. 101 tal-proċess
[27] *Ibid.* f'paġ. 102 tal-proċess
[28] Art. 1031 tal-Kap 16

jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[29] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem[30]. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni[31]. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi[32];

"Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[33], u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[34] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[35]. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru[36];

"Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "*strict liability*"). Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[37], ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel[38];

"Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-"ambjent kollu tal-post tax-xogħol"[39], jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu;

[29] Art. 6(2) tal-Kap 424
[30] Art. 6(3) tal-Kap 424
[31] Kumm. JH **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Borġ vs George Wells et noe*** (mhix pubblikata)
[32] P.A. **10.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Fino*** (mhix pubblikata)
[33] Art. 7(1) tal-Kap 424
[34] Art. 7(2) tal-Kap 424
[35] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd.***
[36] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.***
[37] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[38] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.***
[39] App. Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christian Buġeja vs Dr. Gerald Montanaro Gauċi noe***

"Illi l-Qorti tqis li, fil-każ li għandha quddiemha, meta ngħata l-appalt mill-Gvern lill-kuntrattur (kumpannija bl-isem ta' "Kurrier Holdings Limited"), dan kien intrabat li jkun esklussivament responsabbli għas-saħħa u s-igurta' tal-impjegati u l-ħaddiem mqabbdin minnu[40]. F'din iċ-ċirkostanza, CVB kienet sub-appaltatriċi tal-kuntrattur oriġinali, iżda toħroġ mil-liġi li, ladarba ma ntwera li saret l-ebda deroga mal-għoti tal-ħatra lilha mill-kuntrattur, CVB intrabtet mal-appaltant bl-istess kundizzjonijiet li kien marbut bihom il-kuntrattur. Mamo kien ilu impjegat ma' CVB għal ftit jiem biss qabel ma ġara l-inċident, u kien impjegat bħala *skilled labourer* iżda b'arranġament speċjali li jagħmilha "qisu *foreman*"[41] u kien jingħata s-setgħa li jmexxi l-lant tax-xogħol u lill-ħaddiema li kienu jintbagħtu miegħu, minbarra li kien jitħallas b'imqieta minbarra bis-salarju[42]. Għalkemm Mamo ma kienx mgħallem fis-sengħa ta' *electrician*, CVB kienet inqdiet bis-servizzi tiegħu tul medda ta' żmien qabel ma impjegatu magħha u kienet tqabbdu fix-xogħlijiet li kienet tingħata marbutin mal-ħatt ta' bini li jkollu jitwaqqa' jew it-tħejjija tax-*shuttering* għall-għoti tas-soqfa tal-konkos, li kien sewwasew ix-xogħol li tqabbad jagħmel dak inhar li miet u sa minn xi jiem qabel. Kien minħabba l-ħila li huwa kien wera f'dan ir-rigward li CVB kienet għażlet li timpjegah magħha[43];

"Illi dawn iċ-ċirkostanzi kollha juru li CVB ma tistax twarrab għal kollox ir-rabta tagħha li tidħol responsabbli għas-sigurta' tal-impjegati tagħha, magħdud Mamo, jew li twarrab minn fuqha l-ħtieġa li turi li hija mxiet sewwa magħhom skond ma jitolbu r-regolamenti;

"Illi f'dan ir-rigward, CVB toħroġ b'żewġ argumenti difensjonali. Fl-ewwel wieħed hija turi li (a) tat lil Mamo u lill-impjegati tagħha tagħmir protettiv meħtieġ biex ma jiġrilhom xejn u (b) li hija ma ngħatat l-ebda ħjiel li l-provvista tal-elettriku fil-post fejn seħħet il-ġrajja ma kenitx inqatgħet sa minn qabel. Fit-tieni lok, hija tgħid li (ċ) kien Mamo nnifsu li ġab b'idejh dak li għadda minn għalih u li jxejjen b'kull mod kull responsabbilta' li hija seta' kellha f'dak li seħħ;

"Illi dwar l-**ewwel argument ta' CVB** il-Qorti ssib li, mill-provi mressqa, ħareġ li hija tassew kienet tipprovdi lill-ħaddiema tagħha b'tagħmir u lbies protettiv xieraq għax-xogħol li kien qed isir f'dak il-bini f'dak iż-żmien. Lil Mamo wkoll ingħata dak it-tagħmir u Mamo kien iffirma għalih[44]. L-atturi jilmintaw[45] li CVB ħalliet lil ħuhom bla superviżjoni u dan minkejja li kien ilu impjegat tagħha biss għal ftit ġimgħat. Il-Qorti hija tal-fehma li s-superviżjoni hija waħda mill-

[40] Ara Klawsola 10, f'Dok "CC5", f'paġ. 65 tal-proċess
[41] Xhieda ta' Jason Vassallo 11.7.2003, f'paġ. 162 tal-proċess
[42] Xhieda ta' Etienne Farruġia 10.4.2000, f'paġ. 56 tal-proċess
[43] Xhieda ta' Etienne Farruġia 18.11.1999, f'paġġ. 26 – 8 tal-proċess
[44] Xhieda ta' Etienne Farruġia 22.1.2003, f'paġ. 121 tal-proċess
[45] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 228 tal-proċess

kwalitajiet li min iħaddem juri li mexa b'mod responsabbli mal-ħaddiema tiegħu[46]. Il-ħtieġa ta' superviżjoni ma tistax tkun traskurata, u l-ebda taħriġ minn qabel ma huwa biżżejjed biex jeħles lil min jagħti x-xogħol mid-dmir li jipprovdi lill-ħaddiem bis-superviżjoni xierqa minn persuna ta' ħila u li f'kull waqt tkun qiegħda tara li l-ambjent tax-xogħol ma jkunx tali li jwassal għal xi inċident[47]. Dan l-obbligu tas-sorveljanza huwa parti sħiħa minn dak li l-liġi tifhem bih bħala l-ambjent tax-xogħol imbiegħed mill-perikli[48]. Din ir-regola tgħodd ukoll fejn ix-xogħol mogħti lill-ħaddiem ma jkunx ġdid għalih u fejn ikun hemm il-possibilta' li r-rutina twassal lill-istess ħaddiem biex jillaxka l-attenzjoni tiegħu[49]. Iżda, fil-każ tal-lum, Mamo kien il-persuna li, minħabba l-ħila li kienet uriet qabel, CVB qabbditha bħala dik li kellha tissorvelja x-xogħol li jkunu qegħdin jagħmlu impjegati oħrajn tagħha. F'ċirkostanza bħal din, u meta ntwera li Mamo kien ilu xi jiem midħla tal-post u ta' dak li kien qed isir, l-atturi ma jistgħux jilmintaw li ħuhom tħalla mingħajr superviżjoni meta kien ħuhom li kien tqabbad li jagħmilha fuq ħaddieħor. Lanqas ma jista' jingħad mill-atturi li ħuhom tqabbad jagħmel xogħol li ma kienx imħarreġ għalih, għaliex ix-xogħol li tqabbad jagħmel kien ix-xogħol li kien wera minn żmien qabel li jinqala' għalih u li dak li ġralu kien marbut ma' dak li kien tqabbad jagħmel – jiġifieri li jiżbarazza l-post ħalli jkun jista' jitqiegħed ix-*shuttering*. Fil-fehma tal-Qorti, kienet tkun ħaġ'oħra li kieku Mamo tqabbad jistalla jew jestendi s-sistema tad-dawl jew li jindaħal fit-twassil tal-provvista minn banda għal oħra tal-post;

"Illi dwar it-**tieni argument ta' CVB** hemm aktar x'wieħed jgħid. Rappreżentanti ta' CVB jisħqu li huma ma kienu bl-ebda mod jafu li fil-post 92 kien hemm provvista ta' elettriku u li l-*cable* kien ħaj. Jibnu dan l-argument fuq il-fatt li jgħidu li, qabel ma daħlu għax-xogħol appaltat, kien ħadem ħaddieħor u li huma kienu staqsew lill-kuntrattur ewlieni biex jikkonfermalhom li ma kienx hemm provvista ta' elettriku għal dik in-naħa tal-binja[50]. Mhux hekk biss, imma juru li kienu jisselfu d-dawl minn post ieħor barra mill-binja għaliex ħasbu li tassew ma kienx hemm provvista[51]. Xhud ieħor imressaq minn CVB[52] jgħid li lilhom ħadd ma qalilhom li minn ġol-post fejn kienu qegħdin jaħdmu kien għaddej id-dawl. Iżda din ix-xhieda m'hijiex waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha għal kollox. Fl-ewwel lok, ħareġ minn xhud oħrajn, li CVB kienet mgħarrfa sa minn qabel ma bdiet ix-xogħol tagħha li kien hemm provvista ta' elettriku fil-post[53]. Fit-tieni lok, minħabba l-episodju li seħħ ftit tal-jien qabel meta l-*cable* beda jtajjar ix-xrar,

---

[46] Ara, P.A. NA **29.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Ċini vs George Wells et noe***; u P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd*** (mhix appellata)
[47] P.A. TM **19.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Spiteri vs Jesmond Micallef pro et noe*** (mhix appellata)
[48] P.A. DS **23.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Fenech vs Sammy Meilaq noe*** (mhix appellata)
[49] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Farruġia vs M.I.M.C.O.L.*** (mhix appellata)
[50] Xhieda ta' Etienne Farruġia 22.1.2003, f'paġ. 121 tal-proċess
[51] Xhieda ta' Jason Vassallo 11.7.2003, f'paġ. 163 tal-proċess
[52] Xhida ta' Anthony Bartolo 10.4.2000, f'paġ. 55 tal-proċess
[53] Xhieda ta'l –A.I.Ċ. Carmel Cassar 13.6.2000, f'paġ. 75 tal-proċess

ħareġ ukoll li l-impjegati ta' CVB (fosthom Mamo) kienu saħansitra mwissijin li l-*cable* kien "*live*" u kien tkebbeb fil-ġenb biex ma jintmissx. Meta saret l-istess twissija, l-istess impjegati kienu wieġbu "Iva nafu". Minkejja dan, l-applikazzjoni għat-tneħħija u l-qtugħ tal-provvista saret biss xahar wara li ġara l-inċident, meta kien evidenti li CVB ma kenitx għadha temmet xogħolha u meta l-ħaddiema tagħha riedu jerġgħu jidħlu jaħdmu fil-post minkejja l-mewt ta' Mamo. F'ċirkostanzi bħal dawn il-Qorti ssibha iebsa biex tqis li CVB ma kellha l-ebda responsabbilta' f'dan ir-rigward;

"Illi dwar it-**tielet argument ta' CVB** sewwa jingħad li dan huwa maħsub bħala wieħed kumplimentari għaż-żewġ argumenti li l-Qorti għadha kif stħarrġet u biex jitneħħa minn fuq CVB kull rabta ta' ħtija għal dak li ġara. Fi kliem ieħor, CVB trid li, minkejja li issa l-Qorti sabet li jista' jkun li hemm nuqqasijiet min-naħa tagħha, l-imġiba ta' Mamo f'kull każ kienet ixxejjen dik ir-responsabbilta' jew, tal-anqas taqsamha ma' tagħha. Lil hinn mill-kwestjoni ta' jekk CVB kenitx tat lil Mamo struzzjonijiet siewja u biżżejjed minn qabel ma seħħ l-inċident jew minn meta beda jaħdem magħha, jidher li CVB tibni dan l-argument tagħha fuq il-kwestjoni li Mamo naqas li joqgħod għad-direttivi li bosta drabi ngħad li tatu dwar l-ilbies u t-tagħmir protettiv li bih kien jeħles mill-konsegwenzi li ġab b'idejh minħabba li ma qagħadx għal li qaltlu;

"Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu[54]. Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab[55]. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet[56]. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra[57], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti[58]. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara[59].

[54] Art. 1031 tal-Kap 16
[55] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhix pubblikata)
[56] Art. 1051 tal-Kap 16
[57] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**)
[58] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Buġeja vs Dennis Aġius***
[59] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et***

Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;

"Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu[60]. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li *volenti non fit iniuria*;

"Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorita' li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, l-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilita' tar-riskju li dieħla għalih[61]. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu il-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għamil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalita' mill-għamil tal-parti l-oħra[62]. L-aspett tal-volontarjeta' f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor[63];

"Illi meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tal-lum, il-Qorti tasal għall-fehma li l-argument ta' CVB huwa tajjeb u jsejjes għal kollox l-eċċezzjoni tagħha fil-mertu. Kif diġa' ssemma aktar qabel, CVB intwera li ipprovdiet lill-ħaddiema tagħha b'tagħmir protettiv u li jħarishom mill-perikoli li setgħu ħabbtu wiċċhom magħhom huma u jagħmlu x-xogħol li qabbdithom jagħmlu. Fit-tieni lok, hemm xhieda li turi b'mod ċar u minn għejjun li wieħed jista' joqgħod fuqhom li sa minn jiem qabel ma seħħ l-inċident, Mamo kien jaf li mill-*cable* kien għaddej l-elettriku u li l-istess *cable* kien "ħaj". Fit-tielet lok, Mamo naqas li jilbes l-ilbies protettiv li ngħata mill-imgħallem tiegħu u

---

[60] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et vs John Pisani et noe***

[61] Ara s-sentenza riċensjuri P.A. RCP **31.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Żammit vs Maltapost p.l.c.*** (mhix appellata)

[62] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et*** (mhix appellata)

[63] P.A. GCD **7.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Polidano vs Korporazzjoni Enemalta*** (mhix appellata)

saħansitra ntwera li dak l-ilbies ma kienx irid ixiddu għaliex idejqu. Fir-raba' lok, li kieku Mamo libes dak l-ilbies (ingwanti u *safety boots*), ma kienx imut b'xokk, ukoll kieku mess il-*cable*. Fil-ħames lok, Mamo għażel li jinżel imiss il-*cable* minkejja li l-art li kien fuqha kienet mimlija għadajjar tal-ilma tax-xita li niżlet il-lejl ta' qabel. Fis-sitt lok, ma ntweriex li Mamo qabad il-*cable* minħabba li xiħadd fuqu ordnalu li jagħmel hekk, iżda minn rajh hu u jiżbarazza l-kamra. Fis-seba' lok, dak il-ħin tal-inċident, Mamo kien il-*foreman* u kien ilu jaħdem fil-post għadd ta' jiem u ma setax ikun li ma kienx jaf li l-*cable* kien "ħaj". Fil-fehma tal-Qorti l-ġabra flimkien ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha twassal għal imġiba li tissoddisfa l-elementi kollha msemmija qabel biex tinstab il-ħtija kontributorja. Mhux hekk biss, imma hija l-fehma sħiħa tagħha li din l-imġiba ta' Mamo uriet rieda u volontarjeta' li saħansitra jxejnu kull responsabbilta' jew nuqqas li b'xi mod sata' jorbot lil CVB ma' dak li ġara[64];

"Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li Mamo kien jaħti għal dak li ġralu u li b'dak li għamel qata' r-rabta ta' dak li ġralu ma kull rabta ta' kawżalita' li setgħet titntrabat ma' CVB għal xi ħtija tagħha għall-inċident;

"Illi għalhekk, filwaqt li sejra tilqa' l-eċċezzjoni fil-mertu tal-istess CVB, aer tiċħad l-ewwel talba attriċi. Minħabba f'hekk, sejra tiċħad ukoll it-tieni u t-tielet talbiet attriċi għaliex marbutin mal-ewwel waħda u m'għandhiex għalfejn toqgħod tqis il-kwestjoni tal-**likwidazzjoni tad-danni**;

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

"**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** fil-mertu taż-żewġ kumpanniji imħarrkin billi ssib li l-ebda waħda minnhom ma kienet taħti għall-mewt ta' ħu l-atturi fuq il-post tax-xogħol u dan minħabba li hija sabet li dik il-mewt ġabha b'idejh Spiridione Mamo nnifsu;

"**Tiċħad it-talbiet attriċi**; u

"**Tikkundanna** lill-atturi jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**."

[64] Ara P.A. **27.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech vs Ellul pro et noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iii.1235**)

Minn din is-sentenza qed jappellaw l-atturi li qed jitolbu r-revoka taghha u li din il-Qorti tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti biex tillikwida d-danni dovuti lilhom; l-appellati irrispondew billi talbu l-konferma tas-sentenza.

Qabel tiddeciedi dwar l-aggravju tal-appellanti, il-Qorti jkollha tiehu konjizzjoni tal-pregudizzjali opposta mill-appellata C.V Builders Limited li qed teccepixxi n-nullita` tal-appell stante li hija giet notifikata aktar minn sena wara li gie interpost l-appell u allura wara t-terminu ta' sena impost mill-Artikolu 963 (1) tal-Kap. 12:

> "**963.** (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) u tal-artikoli 416 u 420, il-proċedura bil-miktub, f 'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta' appell, fiż-żmien perentorju ta' sena."

Madankollu l-Artikolu 963 (3) jghid imbaghad illi:

> "(3) Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f 'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità."

Peress li meta saret l-ewwel seduta quddiem din il-Qorti (fis-6 ta' Dicembru 2016) l-appellati kienu gia` gew notifikati (fil-15 ta' April 2015), allura l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**L-AGGRAVJU TAL-APPELLANTI**

L-aggravju huwa essenzjalment wiehed u cioe` li a bazi tal-provi prodotti waqt is-smigh tal-kawza, il-Qorti ghandha ssib lill-appellati resposnabbli ghall-akkadut u allura ghall-hlas tad-danni lill-appellanti.

Gie ripetut diversi drabi minn din il-Qorti illi, ghal dak li huwa apprezzament tal-fatti, kif qalet fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti".* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissuggerixxu mod iehor".*

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil,** Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001), u **Victor Camilleri v. Carmelo Camilleri,** Appell Inferjuri, 28 ta' Jannar 1994; madankollu "*Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha*

*xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.* (**Attard et v. Direttur tas-Sahha**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014).

Huwa evidenti li r-rapport guridiku bejn l-appellant u z-zewg appellati huwa differenti; fil-waqt li fil-konfront ta' C.V Builders Limited ir-rapport kien wiehed ta' haddiem u employer, fir-rigward tal-Korporazzjoni appellata dan ir-rapport ma kienx jezisti u biex tirnexxi l-azzjoni tal-appellanti jrid ikun hemm prova normali f'azzjoni akkwiljana. Kwindi l-oneru tal-prova f'dan l-ahhar kaz huwa aktar iebes ghaliex is-socjeta` appellata kellha responsabiltajiet addizjonali u diretti fir-rigward tal-mejjet.

Fir-rigward tal-kumpanija appellata ghalhekk kien hemm id-dover li ghandu kull min ihaddem; kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Mallia v. Alf Mizzi and Sons Limited** deciza fid-9 ta' Ottubru 2003 "*min ihaddem ghandu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha tal-istess haddiem* (ara **Bugeja v. Falzon** deciza mill-istess Qorti fit-30 ta' April 1997 u **Desira v. Grech and Co. Ltd** deciza fit-30 ta' Mejju 2002).

Sentenzi ohra tal-istess opinjoni huma **Galea v. Balzan** Qorti tal-Appell 26 ta' Frar 1993 u **Agius v. Galea** Qorti tal-Kummerc 11 ta' Lulju 1989). Sentenza ricenti **Grezzju Scicluna v. C. Cini and Sons Ltd –** 27 ta' Gunju 2006 – Cit 348/02 TM) iccitat l-awtur **Whincup** fil-ktieb Modern Employment Law li jelenka erba' principji bazici f'kazi simili u cioe`:

i. *the employer must ensure that the employee knows the dangers*
ii. *the employer must ensure that the emplyee knows the precautions to be taken against these dangers*
iii. *the employer must ensure that the precautions are available*
iv. *the employer must ensure that the employee knows these precautions are available*

Kif sew irrimarkat il-Qorti fil-kawza **Schembri v. Caruana** (12 ta' Jannar 1983) min ihaddem irid izomm quddiem ghajnejh illi gieli l-haddiem jittraskura xi ftit dwar il-perikli li jkollu u ghalhekk ghandu jkun hemm sistema biex dawn l-izbalji ma jsirux.

Dan kollu gie riprodott fis-sentenza fil-kawza deciza minn din il-Qorti fl-ismijiet **Anna Micallef v. Allchem Limited** (13 ta' Gunju 2007 – konfermata minn din il-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Settembru 2009). Madankollu ta' min izid li "*L-attenzjoni mehtiega mis-socjeta` konvenuta hija dik ta' bonus pater familias u mhux fi grad oghla*", (**Ronald v. Polibon**, Appell, 9 ta' Jannar 2009)

Fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tirraviza ebda raguni biex tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti, u dan fir-rigward taz-zewg appellati.

Fir-rigward tas-socjeta appellata, irrizulta ampjament illi hija ipprovdiet lill-impjegati taghha bit-taghmir necessarju ghall-protezzjoni taghhom li l-mejjet naqas li jilbes, li l-mejjet kien jaf li l-cable inkwistjoni kien ghaddej il-kurrent minnu, u ma jirrizultax li xi hadd ordnalu biex jaqbad l-istess cable. Lanqas ma jregi l-argument tal-appellanti li l-mejjet kellu jkollu supervizjoni ulterjuri, ghaliex f'dan il-kaz huwa stess kien "supervisor" minhabba l-esperjenza li kellu. Anke l-fatt illi kien ghadu kif gie impjegat mal-appellata ma jfissirx li huwa kien gdid ghax-xoghol in kwistjoni; hu kien gia` ghamel xi xoghol ghall-istess socjeta` u kien minhabba f'hekk li gie impjegat f'dik il-kariga ta' responsabilita`. "*Issa, fil-waqt li hu minnu illi min ihaddem kellu l-obbligu li jipprovdi a safe system of work, kellu d-dover illi jassigura li x-xoghol ikun qieghed isir taht is-supervizjoni ta' persuni kompetenti u kellu wkoll id-dover illi jipprovdi protezzjoni adegwata f'dak li hu lbies u attrezzi ohra, dan ma jfissirx illi min jahdem ma kellux hu wkoll l-obbligu illi jahdem b'diligenza u b'attenzjoni b'mod li ma jipprovokax hu stess incidenti illi bi ftit attenzjoni u galbu setghu jigu evitati*". (**Micallef v. Pisani noe**, Appell, 5 ta' Ottubru 2001). Tenut kont ta' kollox huwa verament difficli li wiehed jispjega l-azzjoni tieghu li wasslet ghal din it-tragedja hlief kienet azzjoni ta' traskuragni istantanja li tista' tigri lil kulhadd.

Hija imbaghad ferm dghajfa l-pozizzjoni legali tal-appellanti fil-konfront tal-korporazzjoni appellata ghaliex din ma kellha ebda rapport guridiku

dirett mal-mejjet u kellha tigi pruvata negligenza jew xi nuqqas iehor da parti taghha illi assolutament ma irrizultawx. Infatti hija ma kellha x'taqsam xejn max-xoghlijiet li kienu ghaddejjin u ma gietx mitluba tnehhi l-provvista tal-elettriku minn gol-post fejn sehh is-sinistru. Jinghad a propozitu fid-decizjoni fl-ismijiet **Annunziato D'Amato et v. Joseph Camilleri et**, Appell Civili, 3 ta' Marzu 1958 illi "*meta l-att li kkaguna d-danni kien jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza, irresponsabilita` ta' min ghamel dak l-att hija assoluta; u min irid jehles minn dik ir-responsabilita` hu tenut jipprova, jew il-fatt tat-terz jew il-vis major*" (citata fis-sentenza **D'amato v. Spiteri,** Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 2003). Huwa car ghal din il-Qorti wkoll li ma tirrizulta ebda prova fir-rigward.

**DECIZJONI**

Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata; l-ispejjez tal-appell ukoll a kariku tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df